

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Petizzjonijiet

25.09.2009

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0786/2007 minn Paolo Prieri (Taljan), f'isem il-Kumitat tal-Wied ta' Sangone ta' Fuq Kontra l-Konnessjoni bil-Ferrovija ta' Veloċità Għolja, li toġġezzjona kontra l-konnessjoni trans-Ewropea bil-ferrovija bejn Turin u Lyons

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant, f'isem kumitat ieħor li jopponi l-proġett hawn fuq imsemmi, jippreżenta l-argumenti prinċipali tal-petizzjonijiet imressqa mill-Kumitat tal-Wied ta' Susa Kontra l-Konnessjoni bil-Ferrovija ta' Veloċità Għolja u jagħti aġġornament tas-sitwazzjoni wara l-missjoni ta' sejbien tal-fatti (f'Novembru 2005) mill-Kumitat tal-Petizzjonijiet. B'mod partikolari, huwa jirreferi għall-ħolqien ta' osservatorju Ewropew għan-negozjar tekniku, alternattiva proposta għar-rotta oriġinali li tinkludi l-Wied ta' Sangone fil-lbiċ ta' Turin u l-effetti detrimentali fuq l-ambjent, il-pajżaġġ, l-ekonomija u t-turiżmu. Huwa għaldaqstant jitlob li r-rotta tinbidel favur politika ta' trasport Ewropea ekoloġikament sostenibbli li tkun ibbażata fuq il-volumi attwali ta' trasport ta' merkanzija bil-ferrovija fl-Unjoni Ewropea u li tinvolvi lill-komunitajiet lokali fl-implimentazzjoni tagħha.

2. Ammissibilità

Tiġi ddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Jannar 2008. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 192(4) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-10 ta' Ġunju 2008.

Il-konnessjoni tal-ferrovija eżistenti bejn Lyon u Turin fit li xejn tintuża, parzjalment minħabba xogħol ta' titjib li qed isir fuq il-linja storika. Dawn għandhom jitlestew f'xi żmien matul l-2009. Madankollu, din il-linja ser tibqa' dejjem limitata fil-kapaċità u anki limitata fl-appell għall-klijenti potenzjali minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi diffiċli u diffikultajiet operazzjonali oħra tal-linja.

Il-konnessjoni l-ġdida tal-ferrovija ser tipprovdi konnessjoni aktar attraenti. Bil-kapaċità għolja tagħha, din il-linja tal-ferrovija ser tgħaqqad il-lvant mal-punent, u tkompli tintegra l-Ekonomija Ewropea. Kieku ma nbniex, in-numru ta' vannijiet li jaqsmu l-Alpi probabbli li kien jiżdied b'mod sostanzjali u minħabba f'hekk kienet issir ħsara lill-ekosistema fraġli ta' l-Alpi. Il-petizzjonant jirimarka tajjeb li l-linja tal-ferrovija l-ġdida għandha tkun akkumpanjata b'politika volontarja ta' ċaqliq modali mill-gvernijiet involuti. Qiegħed isir progress f'din id-direzzjoni mill-gvernijiet involuti.

Sabiex titrawwem koordinazzjoni għal dan il-proġett importanti, il-Kummissjoni innominat lis-Sur L.J. Brinkhorst bħala koordinatur tal-proġett. Il-gvern Taljan ħa' ħsieb sewwa li jinvolvi lill-partijiet interessati kollha fl-Osservatorju Tekniku immexxi mill-President tiegħu M. Virano. Fost dawn hemm l-awtoritajiet lokali kollha li jirrappreżentaw l-interess pubbliku tal-Wied ta' Susa. L-Osservatorju jiltaqa' darba fil-ġimgħa bl-involvement totali tal-partijiet kollha kkonċernati. Ir-riskji idroloġiċi u oħrajn ambjentali se jkunu evalwati kollha. Qabel ma jibda x-xogħol fuq il-linja tal-ferrovija fil-Wied ta' Susa jew fil-Val Sangone, għandha ssir Evalwazzjoni sħiħa ta' l-Impatt Ambjentali, kif inhu mitlub mil-leġiżlazzjoni Ewropea u Taljana. Id-definizzjoni ta' l-allinjament tħejjiet mill-Osservatorju Tekniku, bil-kunsens demokratiku tal-partijiet interessati tiegħu. Sa issa, ma ttieħdet l-ebda deċizzjoni dwar l-allinjament.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni tinnota li sa issa għadha ma ttieħdet l-ebda deċizzjoni dwar l-allinjament u qed jiġu kkunsidrati l-għażliet fi ħdan l-Osservatorju. Il-gvern Taljan se jiddeċiedi dwar l-allinjament wara parir mill-Osservatorju.

Il-Kummissjoni hija kunfidenti li d-deċizzjoni finali tal-gvern Taljan se tikkunsidra l-bżonnijiet għal sistema ta' trasport effiċjenti, il-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp ekonomiku.

4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-25 ta' Settembru 2009 għall-petizzjonijiet 949/2003, 523/2004, 198/2005 u 786/2007.

Ix-xogħlijiet fuq il-konnessjoni l-ġdida ta' bejn Lyon u Turin ilhom f'fażi preparatorja minn Awwissu 2009. Ix-xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-mina nnifisha għadu ma bediex, la fi Franza u lanqas fl-Italja; it-tlestija tal-fażi preparatorja għax-xogħolijiet tal-ingerinerija tirrikjedi xi studji ta' preparazzjoni addizzjonali, inkluż xi xogħol ieħor fuq l-istudju dwar l-impatt ambjentali. Erba' mini ta' esplorazzjoni jiffurmaw parti mill-preparazzjoni tal-fażi ta' kostruzzjoni tal-mina - tlieta fuq in-naħa Franċiża u waħda fuq in-naħa Taljana. Tnejn mit-tliet mini ta' esplorazzjoni fi Franza tlestew u l-aħħar waħda se tkun lesta fil-ħarifa ta' din is-sena. Ix-xogħol fuq il-mina ta' esplorazzjoni Taljana għadu ma bediex, minħabba li għadu ma ntlaħaqx ftehim formali bejn iż-żewġ pajjiżi. Għandu mnejn li x-xogħlijiet ta' ingerinerija ċivili fuq il-mina ta' esplorazzjoni Taljana jistgħu jibdedew fl-ewwel nofs tas-sena tal-2010.